MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 136/1986/3

**Frank Attard**

**v.**

**Anthony Farrugia u ghal kull interess li jista' jkollhom id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u c-*Chairman* tal-*Planning Area Permits Board***

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Din hija talba ghal ritrattazzjoni minn Anthony Farrugia[1] tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannnar 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha dika l-Qorti kienet iddisponiet minn appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri moghtija tal-1 ta' April 1998.

**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell**

Il-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet hekk:

*Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell ta' l-attur kif gie indikat fil-paragrafu precedenti, b'dan ghalhekk li s-sentenza appellata qeghda tigi riformata billi din il-Qorti qeghda:-*

*(i) tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet ta' l-attur in kwantu dawn gew diretti kontra l-konvenuti d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u c-Chairman tal-Planning Area Permits Board li gew imharrka ghall-interess li jista' jkollhom u dan stante li l-attur irrinunzja ghall-appell tieghu fil-konfront ta' l-istess konvenuti;*

*(ii) tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur in kwantu dawn allegaw li l-konvenut Farrugia ma ghandu ebda dritt ta' access fuq it-triq in kwistjoni u dan billi l-istess konvenut effettivament ghandu dritt ta' access liberu biex jghaddi mill-istess triq, kif inghad fil-paragrafu precedenti;*

*(iii) tirrevokaha ghall-kumplament u minflok (a) tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara li l-konvenut Farrugia ma ghandu l-ebda dritt jiftah twieqi, bibien jew aperturi ohra li jaghtu ghall-istess triq u (b) tilqa' t-tieni talba limitatament billi tikkundanna lill-istess konvenut Farrugia biex ma jitfax materjal fuq l-istess triq u ma jiftah ebda aperturi fuq l-istess triq.*

*L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu hekk:*

[1] B'verbal tad 29 ta' Novembru 1999 Frank Attard kien irrinunzja l-appell fil-konfront tad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u tac-Chairman tal P.A.P.B.

*(I) dawk tal-konvenuti Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u c-Chairman tal-Planning Area Permits Board jithallsu mill-attur appellant.*

*(II) l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu kwantu ghal terza parti (1/3) mill-attur appellant Frank Attard u z-zewg terzi (2/3) mill-appellat konvenut Anthony Farrugia.*

**Talba ghar-ritrattazzjoni**

Ir-ritrattand Anthony Farrugia  qed jitlob li s-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell tithassar billi kienet effett ta' zball kif ghandu jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza u kien hemm ukoll applikazzjoni hazina tal-ligi kif inhu mahsub fl-artikolu  881(l) u 811(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-ritrattand jissottometti li kien hemm "fatt fiziku" wiehed li kellu piz determinanti ghall-ezitu ta' l-appell u kieku ma kienx ghal dan il-"fatt" l-appell kien ikollu ezitu differenti. Hu jghid li t-triq in kwistjoni giet meqjusa bhala wahda privata u minhabba f'hekk ir-ritrattand gie ordnat li ma jiftahx twieqi jew bibien ghal fuq din it-triq. Ighid li l-"fatt" li din it-triq hija wahda privata huwa zbaljat billi l-Qorti ta' l-Appell ma haditx in konsiderazzjoni l-Att Numru X ta' 1988, l-Artikolu 6(2)(a) tal-Kap 322 – Att Dwar Permessi ta' Bini (Provedimenti Temporanji) li bih ma kienx hemm ghalfejn ghall-Gvern li jesproprja l-art biex jaghmilha tieghu ghax bis-sahha ta' l-iskema tal-*home ownership* l-art  ghaddiet f'idejn l-Gvern u t-triq saret wahda pubblika.

Ir-ritrattand jirritjeni li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi billi l-Qorti ta' l-Appell kellha tapplika l-Att X ta' 1988 li hi ligi specjali u l-punt jekk it-triq minn privata saritx pubblika lanqas biss gie mistharreg minnha. Il-Qorti ta' l-Appell inoltre qaghdet biss mad-disposizzjonji ta' l-artikolu 323 tal-Kap 16 bla ma hadet in konsiderazzjoni dak li jghid l-artikolu 426 tal-Kap 16 li kellu jigi applikat ukoll.  Kellu japplika wkoll l-artikolu 97(1)(3) tal-Kap 10 li holoq servitu legali necessarja u utili ghar-ritrattand skond il-ligi sanitarja. Fl-ahharnett il-Qorti ta' l-Appell lanqas tat kaz ta' l-artikolu 474(1) tal-Kap 16 biex is-servitu li kellu r-ritrattand ma titnaqqasx jew tigi mxekkla.

**Risposta**

Ir-ritrattat wiegeb li d-domanda ghar-ritrattazzjoni hija bla ebda basi legali u ghandha tigi michuda. Hu jghid li l-artikolu 811(e) tal-Kap 16 jista' japplika mhux meta jkun hemm zball ta' fatt imma meta, stabilit l-fatt, tigi applikata ligi li ma tkunx applikabbli ghal dak il-fatt. F'dan il-kaz, kemm il-Prim Awla kif ukoll l-Qorti ta' l-Appell ikkonkludew li t-triq kienet privata u mhux pubblika imbaghad korrettement applikaw il-ligi li tapplika ghal kaz ta' toroq privati, cjoe il-ligi civili. Il-Qorti ma setghetx tiehu in konsiderazzjoni l-Att X tat 1988 billi dan l-Att, li kien wiehed temporanju, llum ma jezistix u gie abrogat bl-Att 1 tal 1992, Artikolu 63 tal-Kap 322.

Ir-ritrattat wiegeb ukoll li ghar-rigward ta' l-artikolu 811(l) ma kien hemm ebda zball billi t-triq mertu tal-kawza ma kienet qatt parti minn xi *Home ownership scheme*, u kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell accettaw li t-triq kienet wahda privata.

**Ligi**

L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li *"res judicata pro veritate habetur"*. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi.

**811(e) Applikazzjoni hazina tal-ligi.**

L-Artikolu 811 jiddisponi li "*Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza*" u,

fis-subinciz (e) ta' l-istess artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni

"*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*".

B’titolu ta’ kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu “*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*”

Inoltre fil-kuntest ta’ din il-kawzali mressqa bhala raguni ghal talba ta’ ritrattazzjoni nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap 12 jrid li “*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*”

**811(l) Zball ta’ fatt**

L-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddisponi li kawza tista’ tigi ritrattrata

*“jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

*Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta’ xi fatt li l-verita’ tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita’ tieghu tkun stabbilita’ pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza”*.

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta’ fatt intqal fil-kawza “Mifsud vs Zahra” deciza minn din il-Qorti fit-18 ta’ Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323),

“Illi mill-ezami ta’ l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta’ fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb **Mattirolo Vol.IV, Pag 825):–**

*(1) Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*

*(2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;*

*(3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe', li jimergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;*

*(4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant; jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u*

*(5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta kontoversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond ir-ritrattand l-izball fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kien jikkonsisti filli t-triq giet konsidrata bhala wahda privata mentri kieku l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-Att Numru X ta' 1988, hi kienet tasal ghal konkluzzjoni differenti, cjoe li t-triq kienet wahda pubblika.

L-artikolu 811(e) tal-Kap 16 invokat mir-ritrattand japplika mhux meta jkun hemm zball ta' fatt jew interpretazzjoni hazina tal-ligi imma meta stabilit l-fatt tigi applikata ligi li ma tkunx applikabbli ghal dak il-fatt. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-fatti li jirrizultawlha, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin. F'dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell waslet ghall-konkluzzjoni li

t-triq kienet wahda privata u ghalhekk applikat il-ligi relattiva, cjoe il-Kodici Civili.

Dan il-fatt irrizulta kemm fis-sentenza tal-Prim Awla kif ukoll l-Qorti ta’ l-Appell li ikkonkludew u stabillew bhala fatt li t-triq kienet wahda privata u mhux pubblika.

Il-Prim Awla kienet qaghdet fuq il-konkluzzjoni tal-perit legali li kien qal li t-triq kienet wahda privata u kienet tappartjeni lill attur (fol 165) u li l-jeddijiet li ghandu Farrugia fuq Triq ta’ Luvier huma biss dawk naxxenti mill-fatt li l-attur minn jeddu ifforma u fetah ghall-pubbliku din it-triq. (fol 171) Il-Prim’ Awla kienet iddecidiet li l-konvenut kien igawadi dritt ta’ access fuq it-triq proprjeta ta’ l-attur u konsegwentement ddikjarat li l-bibien miftuha mill-konvenut infethu validament. Il-Qorti ta’ l-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Prim’ Awla, u kienet qablet li t-triq kienet wahda privata, izda imbaghad waqt li kkonfermat li l-konvenut kellu dritt ta’ access ghat-triq iddikjarat li l-konvenut Farrugia ma kellu l-ebda dritt jiftah twieqi, bibien jew aperturi ohra li jaghtu ghall-istess triq.

Kif qalet dina l-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tat-3 ta’ Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe.* ghar-rigward ta’ l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12:

*“… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b’mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-*

*tajba b'mod hazin" . (Ara AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D. App. 27/3/2003; Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri App. 2/6/2003; u Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003).*

Fil-kaz in ezami l-Qorti korrettement applikat il-ligi li kienet applikabbli fil-kaz ta' toroq privati cjoe il-ligi civili, u s-sottomissjonijiet tar-rikorrent li dik l-applikazzjoni ma kinitx wahda tajba jew li, meta mqabbla ma' decizjonijiet ohra, naqset li tikkunsidra aspetti giuridici ohra, ma jaqghux fil-kompitu ta' din il-Qorti hi u tistharreg jekk ghandhiex thassar is-sentenza appellate u tordna li l-kawza tinstema' mill-gdid.

Din il-Qorti tirrileva li l-konvenut ritrattand kien diga ssolleva l-kwistjoni dwar l-applikabilita ta' l-Att X tan 1988 fin-nota ta' osservazzjonjiet tieghu tal 24 ta' Awissu, 2000, izda l-Qorti ta' l-Appell ma kienitx applikat dik il-Ligi billi ma kinitx il-ligi li tapplika ghall fatti stabilit minnha.

Jirrizulta li l-fatti kollha tal-kaz, inkluz l-approvazzjoni tat-triq, il-bejgh ta' l-art lill-konvenut ritrattand, kollha sehhew qabel ma ddahhal fis-sehh l-Att X imsemmi, li ismu stess jindika li kien mizura temporanzja u fil-fatt l-istess Att kien gie abrogat meda dahal in vigore l-Att 1 tal- 1992 Kap 356.

Lanqas ma jista' jinghad li s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza skond l-artikolu 811(l) tal-Kap 12. L-izball ta' fatt jrid jirrizulta minn semplici konfrontazzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet tad-decizjoni u l-atti u d-dokumenti u mhux mill-kriterji li bihom il-fatt gie mifhum mill-gudikant.

Fil-kaz in ezami t-triq mertu tal-kawza ma kinitx tifforma parti minn xi *Home ownership scheme,* u kemm l-ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell ddikjaraw li t-triq kienet wahda privata appartenenti lill-attur. Din it-triq kienet

infethet fuq l-art ta' l-attur u t-talba ghall-ftuh tat-triq saret mill-attur innifsu fuq it-territorju tieghu. Ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell gustament applikat il-ligi li kienet tapplika ghall-fatti kif stabbilit u ma kien hemm ebda zball.

Id-decizjoni fuq fatt kontrovers hija decizjoni tal-gudikant u ma' tistax tigi riveduta f'proceduri ta' ritrattazzjoni. Fil-kaz in ezami l-kwistjoni jekk l-art kinitx privata jew pubblika kien il-punt kontrovers f'dina l-vertenza u dan gie deciz mill-Qorti.

Saret riferenza mir-ritrattand ghax-xhieda ta' Edwin Micallef fejn qal[2]:

*"Gejt mitlub dokumenti dwar kif u meta t-Triq ta' Luvier saret pubblika, kif ghidt fis-seduta ta' qabel. Ghandi nghid li taghrif bhal dan ikun ghand il-"Works Division" tad-Dipartiment taghna. Jiena ghidt li t-triq hija pubblika billi jirrizultali li giet asfaltata – kif ivverifikaw haddiema tad-Dipartiment. Min asfaltaha ma qalulix. Informazzjoni ohra ma ghandix".*

Kif qal il-Perit legali l-provi ma jsirux bil-produzzjoni ta' xhieda li ghandhom l-impressjoni, li jidhrilhom, jew li semghu, li l-imsemmija triq kienet giet trasferita lill-Gvern (fol 162) imma b'dokumenti u provi skond il-ligi.

Fl-ahharnett l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga wisq fuq is-sottomissjonijiet l-ohra tar-ritrattand fosthom li hu kellu permessi validament mahruga mill-Awtorita koncernata biex jibni billi dawn il-permessi dejjem johorgu "saving third party civil rights".

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-ritrattand ghas-smigh mill-gdid ta' l-Appell

---
[2] (ara fol 203 tar-relazzjoni tal-perit legali)

Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------